DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI ................................... ĦINIJIET ................ POST: ............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

**PAWLU REDUX**

*2 Att, 7 Xena, p.78 (f)*

## CHER

**NAGĦLAQHOM ILLEJLA.**

Nagħlaqhom illejla. Fl-għaxra u għaxra infatti. Biex inkunu preċiżi. Dak il-ħin twelidt. 10.10... *(bl-Ingliż: ten, ten,)* U biex inkunu preċiżi, PM.

Ma kontx taf, hux hekk? Għalhekk qatt ma smajthom mela d- dediki tiegħek dawn l-aħħar tliet snin, mindu mietet in-Nanna.

Kont għedtli, dakinhar tal-funeral – l-unika darba li ltqajna f'dawn l-aħħar ...kemm? Ħames snin? Daqshekk kien ilna: ħames snin. U kont għedtli: Niddedikalek kanzunetta fil-*birthday* tiegħek, fil-ħin eżatt meta twelidt. Kont għadek kburi dak iż-żmien, għadhom kemm fetħu r-radju u x'naf jien... "Niddedikalek kanzunetta."

U dik l-ewwel darba emmintek. Għedt: xejn xejn nara x'inhu dal-Pluraliżmu. Għal darba emmintek. U saru l-għaxra u nofs, saru l-ħdax... U mort norqod. Bla Sonny and Cher.

*PAWLU: Imma kont daqqejthielek filgħodu. Dalgħodu wkoll.*

Daqqejthieli kont, iva. Filgħodu imma. U mela issa naf. Għax int assumejt li filgħodu twelidt jien. Żball żgħir. Għax wara kollox, int ma kontx hemm, ma' ommi, meta twelidt jien. Kont... fejn kont preċiż, preċiż? *(<155)*

PDF p.78

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ...............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☒ = PAWLU

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.